# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 19**

**Rikors numru 1073/2010/1 SM**

**Avv. Noel Camilleri għan-nom u in rappreżentanza ta' Giovanna Aloisio u b'digriet tal-1 ta' Marzu 2022 l-atti ġew trasfużi f'isem Pasquale, Francesco u Massimo, ilkoll Cristiano bħala eredi ta' Giovanna Aloisio li mietet fil-mori tal-appell**

**v.**

**1. Silvio Borg**
**2. GasanMamo Insurance Limited (C – 3143)**

**Il-Qorti:**

1. B'din is-sentenza l-Qorti ser tiddeċiedi l-appell tal-konvenuti mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim' Awla tal-1 ta' Novembru 2016 dwar inċident li seħħ fil-Mellieħa fil-25 ta' Ottubru 2008 meta karozza li kien qiegħed isuq il-konvenut laqtet lill-attriċi u sofriet ġrieħi gravi.

2. Fit-22 ta' Ottubru 2010 l-attriċi fetħet kawża fejn ippremettiet u talbet:

*"A. Dikjarazzjoni tal-Fatti*

*1. Illi r-rikorrent noe qiegħed jidher f'din il-kawża f'isem u in rappreżentanza ta' Giovanna Aloisio, cittadina Italiana residenti Bolzano bil-karta ta' identità Taljana bin-numru 10142(F) kif debitament awtorizzat skond l-anness dokument mmarkat bħala Dok A.*

*2. Illi r-rikorrenti sfat vittma ta' inċident ta' traffiku fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008), meta għall-ħabta tal-12.10 p.m. hija ġiet investita mill-intimat Silvio Borg li kien qiegħed isuq vettura tat-tip Kia Avella bin-numru tar-reġistrazzjoni BBQ 401 waqt illi hija kienet qed taqsam Triq Borg Olivier fil-Mellieħa flimkien man-neputija tagħha u binha, tarbija ta' tlett xhur, u xi familjari tan-neputija tagħha.*

*3. Illi r-rikorrenti għalhekk ittieħdet l-isptar Mater Dei fejn ġiet ċertifikata illi kienet qed issofri minn ksur fl-irkoppa tax-xellug (kopja ta' dan iċ-ċertifikat qegħda tiġi annessa ma' dan ir-rikors u mmarkata Dok B). Illi sussegwentement hija ttieħdet lura l-Italja permezz ta' helicopter fejn, wara aktar eżamijiet mediċi, irriżulta illi hija kienet qegħda ssofri minn ksur ulterjuri fis-sieq tax-xellug kif ukoll xi ksur fis-sieq leminija.*

*4. Illi qabel ma ġara dan l-inċident, ir-rikorrenti, għalkemm mara anzjana, kienet indipendenti u attiva ħafna; kienet tagħmel ix-xogħol tad-dar hi stess u ta' sikwit anke jsiefer. Illi sfortunatament, b'konsegwenza unika ta' dan l-inċident tat-traffiku, ir-rikorrenti sofriet danni, inklużi korriment, debilità u inkapaċità permanenti liema diżabilita preżentement hija ta' 14%. Illi fil-fatt hija kellha bżonn tqabbad għajnuna sabiex isir ix-xogħol tad-dar li qabel kienet tagħmel hi u ma għadhiex tista tgħix ħajja ndipendenti kif kienet qabelu dan stante il-gravità tan-natura ta' ksur illi kellha.*

*5. Illi il-pulizija bdew proċeduri kriminali kontra l-intimat fil-31 ta' Ottubru 2008 (il-Pulizija kontra Silvio Borg, Nru 1055/2008, presjedut mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman LL.D) u għaldaqstant kemm ir-rikorrenti kif ukoll il-persuni illi kienu magħha kellhom jidħlu f' ispejjeż ulterjuri sabiex ikunu jistgħu jiġu Malta biex jagħtu t-testimonjanza tagħhom fil-kawża kriminali kontra l-intimat.*

*6. Illi dan l-imsemmi inċident ġara unikament tort tan-negliġenza u n-nuqqas ta' osservazzjoni ta' regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimat Silvio Borg, illi għalkemm kellu viżwali tajba tat-triq stante illi*

*ma kienx hemm traffiku dak il-ħin, huwa ma rax lir-rikorrenti qed taqsam it-triq fi grupp ta' persuni u tajjarha. Illi għaldaqstant żgur illi ma jistax jingħad illi l-intimat seta' ma rax lir-rikorrenti għal xi raġuni oltre l-imperizja u n-nuqqas ta' osservanza tiegħu tar-regolamenti tat-traffiku li għalhekk l-imsemmi inċident seħħ unikament tort u ħtija, b' negliġenza, traskuraġni, imperizja, sewqan eċċessiv u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimat Silvio Borg.*

*7. Illi għalkemm ripetutament interpellat sabiex jersaq għall-ħlas għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni, anke permezz ta' ittra uffiċjali mibgħuta fis-6 ta' Lulju tas-sena elfejn u għaxra (2010) u ittra interpellatorja tal-24 ta' Settembru 2010 l-intimat Silvio Borg u s-soċjeta` intimata l-oħra GasanMamo Insurance Limited qatt ma resqu għal tali likwidazzjoni u ħlas u għalhekk ir-rikorrenti kellha tintavola dan ir-rikors ġuramentat.*

*B. Raġunijiet għat-Talbiet f' dawn il-Proċeduri*

*1. Illi kaġun l-inċident kif ser jiġi ampjament pruvat kien unikament tort imsemmi inċident seħħ unikament tort u ħtija, b' negliġenza, traskuraġni, imperizja, sewqan eċċessiv u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimat Silvio Borg, ir-rikorrenti sofriet ġrieħi gravi u kellha bżonn kura medika kemm hawn Malta kif ukoll l-Italja, u anke għal perjodu twil wara li ħarġet mill-isptar. Illi dan fisser spejjeż kbar għall-intimata (sic!) mhux biss għall-kura medika msemmija iżda wkoll minħabba illi hija ma għadhiex indipendenti u anke kellha tittieħed l-isptar tal-Italja b' helicopter mill-ajruport Taljan u mill-isptar Mater Dei għall-ajruport f' Ħal Luqa kellha titwassal permezz ta' ambulanza. Barra minn hekk, ir-rikorrenti daħlet f' aktar spejjeż ulterjuri minħabba illi kellhom jiġu Malta xi familjari tagħha sabiex jassistuha meta hi kienet qegħda tiġi trasferita mill-isptar ta' Malta għall-isptar f' Bolzano.*

*2. Illi barra l-ispejjeż direttament annessi mal-kura medika illi kellha bżonn ir-rikorrenti hija kellha wkoll tidħol fl-ispejjeż relattivi għall-għajnuna li kellha bżonn fid-dar tagħha, kif ukoll għall-ispejjeż ta' ivvjaġġar meta hi, flimkien mal-persuni illi kienu magħha dak inhar tal-inċident, kellhom jiġu hawn Malta jixhdu fil-kawża kriminali surriferita kontra l-intimat.*

*3. Illi inoltre, kif diġa ingħad, ir-rikorrent nonostante l-eta tagħha kienet mara ndipendenti u attiva ferm. Illli pero, konsegwenza tal-imsemmi inċident hija issa ssofri minn disabilità permanenti li tnaqqas mill-kwalità tal-ħajja tagħha għaldaqstant l-intimati huma responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti.*

*4. Illi l-intimat ġie nterpellat sabiex jgħaddi għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kawżati minnu, iżda baqa' inadempjenti;*

*C. Talbiet rikorrenti*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ sfat vittma ta' inċident ta' traffiku fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008), meta hija ġiet investita mill-intimat li kien qiegħed isuq Kia Avella ħamra bin-numru tar-reġistrazzjoni BBQ 401 misjuqa minn Silvio Borg waqt illi hija kienet qed taqsam Triq Gorg Borg Olivier fil-Mellieħa*

*2. Tillikwida, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi, d-danni sofferti mir-rikorrenti riżultat ta' l-inċident awtomobilistiku kif deskritt;*

*3. Tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati;*

*Bl-ispejjeż, inklużi il-VAT u dawk tal-ittra uffiċjali 6 ta' Lulju 200 u dik interpellatorja tal-24 ta' Settembru 2010 u l-konsulta relattiva bl-imgħax kontra l-konvenut minn issa nġunt in subizzjoni."*

3. Il-konvenuti wieġbu:

*"1. Illi preliminajrament, l-intimati jeċċepixxu illi ma għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika ma' Giovanna Aloisio li għandha xi karta ta' l-identità Taljana bin-numru 10142F, stante illi jirriżulta illi din il-karta tal-identità fil-fatt ma teżistix. Kwindi u kemm-il darba ir-rikorrrent ma jirregolarizzax ruħu dwar dan il-punt in limine litis, l-intimati għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrent;*

*2. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent u dana stante illi l-istess inċident ma seħħx tort tal-intimat Borg iżda seħħ unikament tort ta' Giovanna Aloisio li qabdet u qasmet it-triq in kwistjoni bl-addoċċ u mingħajr ma ħadet id-debita prudenza u kawtela, hekk kif ser jiġi ppruvat wat it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

*3. Illi subordinament għat-tieni eċċezzjoni, jirriżulta paċifikament illi s-soċjeta` intimata GasanMamo Insurance Limited ma kkawżat l-ebda inċident jew danni lil Giovanna Alosio fil-25 ta' Ottubru, 2008, u għaldaqstant kull talba lil dina l-Qorti sabiex "tiddikjara lill-konvenut risponsabbli għall-inċident awtomobilistiku" de quo, kemm-il darba hija diretta lejn is-soċjeta` intimata GasanMamo Insurance Limited, hija manifestament nieqsa minn kull bażi ta' fatt u ta' dritt, u għandha għalhekk tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;*

*4. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-intimati jeċċepixxu illi kważi d-dokumenti kollha eżebiti mir-rikorrenti flimkien*

*mar-rikors maħluf huma bil-lingwa Taljana u Tedeska, u għaldaqstant u sakemm ma jiġux ippreżentati kopji tradotti ta' dawn id-dokumenti bil-lingwa Maltija jew Ingliża, dawn id-dokumenti kollha għandhom jiġu sfilzati mill-atti u meqjusa bħala provi invalidi skond il-liġi;*

*5. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għat-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet supra, ir-rikorrenti għandu jressaq kull prova valida skont il-liġi Maltija sabiex jipprova d-danni allegatament sofferti minn Giovanna Aloisio kemm damnum emergens kif ukoll lucrum cessans; u li minnhom għandhom jitnaqqsu kull somma u ammont ta' riżarċiment illi Aloisio setgħet diġa rċeviet in konnessjoni ma' dan l-inċident mingħand kwalunkwe assikuratur jew sorsi terzi oħrajn, kemm pubbliċi kif ukoll privati;*

*6. Illi b' mod partikolari, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet kollha supra, l-intimati jeċċepixxu illi d-danni pretiżi fil-ħames paragrafu tar-rikors maħluf, u ċjoe spejjeż inkorsi mir-rikorrenti sabiex tixhed f' proċeduri kriminali fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), m'għandhomx jiġu akkolti minn dina l-Onorabbli Qorti u dana stante illi dawn huma spejjeż illi (i) ma ġewx inkorsi biss minn Giovanna Aloisio, iżda minn terzi illi m'humiex partijiet f' dawn il-proċeduri; u (ii) fi kwalunkwe każ, dawn ma kienx spejjeż relatati direttament mal-inċident de quo, u Giovanna Aloisio ma kellha l-ebda interess finanzjarju jew ta' benefiċċju fihom;*

*7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skond kif permess mil-liġi."*

4. Fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2011 il-konvenuti rtiraw l-ewwel eċċezzjoni.[1]

5. B'sentenza mogħtija fl-1 ta' Novembru 2016, il-Qorti Ċivili, Prim' Awla ddeċidiet billi:

i. Ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti u ddikjarat li l-konvenut Silvio Borg hu unikament responsabbli għall-inċident in kwistjoni;

[1] Fol. 68

iv. Illikwidat id-danni (*damnum emergens* u *lucrum cessans*) li sofriet l-attriċi fl-ammont ta' wieħed u ħamsin elf, seba' mija u sittin Ewro, u wieħed u sittin ċenteżmu (€51,760.61);

v. Ikkundannat lill-konvenut Silvio Borg sabiex iħallas lill-attriċi *nomine* l-ammont likwidat;

vi. Illiberat lis-soċjeta` konvenuta GasanMamo Insurance Limited mill-osservanza tal-ġudizzju; u

vii. Spejjeż a karigu tal-konvenut Borg.

6. Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza u talbu lil din il-Qorti:

> *"sabiex tirriforma s-sentenza tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet fuq premessi tal-1 ta' Novembru 2016, fis-sens illi filwaqt illi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat lis-soċjeta` GasanMamo Insurance Limited mill-osservanza tal-ġudizzju, tirrevoka u tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-intimat appellanti Silvio Borg ġie ddikjarat unikament responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża u għalhekk tiċħad it-talbiet tar-rikorrent appellanti. Mingħajr preġudizzju għal dan, f'każ illi dina l-Onorabbli Qorti tħoss illi għandha tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata in kwantu laqgħet l-ewwel talba attriċi dwar ir-responsabbilità, tvarja dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti llikwidat u kundannat lill-intimat appellanti Silvio Borg illi jħallas id-danni komplessivi (damnum emergens u lucrum cessans) fl-ammont ta' wieħed u ħamsin elf seba' mija u sittin Ewro u wieħed u sittin Ewroċenteżmu (€51,760.61), u minflok tirriduċi d-danni fl-ammont ta' elf seba' mija u sittin Ewro u sittin Ewroċenteżmu (€1,760.61) rappreżentanti damnum emergens. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tar-rikorrenti nomine appellat."*

7. L-attriċi ma weġbitx.

<u>Konsiderazzjonijiet.</u>

8. Bl-ewwel aggravju l-konvenuti lmentaw mill-fatt illi l-ewwel Qorti sabet lill-konvenut unikament responsabbli għall-inċident in kwistjoni minħabba biss:

> *"20.0. Illi skont l-iskizz anness mar-rapport tal-pulizija jirrizulta is-segwenti: (ara foll 151)*
>
> *20.1. Illi kif jirrizulta mill-marka 'X' ta' kulur isfar fl-istess skizz, (ara foll 151), ir-rikorrenti kienet kwazi wasslet mal-bankina l-ohra tat-triq minn fejn qasmet meta intlaqtet mill-vettura misjuqa mill-intimat;*
>
> *20.2. Illi konsegwenza tal-istess l-intimat kien ilu li ra lir-rikorrenti stante li din qasmet quddiemu;"*

9. Il-konvenuti jsostnu li l-ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra l-fatt illi kif jirriżulta mir-ritratti Dok SB 1 sa SB 5, il-ħsarat fuq il-vettura li kien qiegħed isuq il-konvenut kienu lejn in-nofs ta' quddiem tal-vettura. Għalhekk fil-fehma tagħhom hu inverosimili illi l-attriċi kienet diġa` waslet fuq in-naħa l-oħra tat-triq meta ntlaqtet. Jilmentaw ukoll li l-ewwel Qorti naqset illi tikkunsidra illi l-attriċi naqset mill-obbligi u dmirijiet ta' *pedestrian* u f'dan il-kuntest għamlu referenza għall-paragrafi 20 u 21 tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq.

10. L-attriċi ma tatx il-verżjoni tagħha. Għalkemm talbet li l-Qorti tordna li tiddaħħal fil-proċess kopja tat-traskrizzjoni ta' dak li xehdet fil-proċess kriminali, il-Qorti ċaħdet it-talba.[2] Lanqas l-*incident report* a fol. 145 *et seq*. ma fih il-verżjoni tal-attriċi. Fih jinsabu biss:

[2] Fol. 209.

(i) il-verżjoni tal-konvenut li qal li l-attriċi qasmet it-triq minn wara vettura li kienet nieżla mid-direzzjoni opposta tat-triq u ġiet fuqu. L-istess qal fl-affidavit tiegħu[3];

(ii) il-verżjoni ta' tliet xhieda li kienu flimkien mal-attriċi, iżda billi dak il-ħin kienu qed jaqsmu t-triq qabilha ma rawx kif seħħ eżatt l-inċident. Jgħidu li meta ħarsu lura rawha ttir fuq il-*bonnet* tal-vettura tal-konvenut;

(iii) u verżjoni tal-kumpanija assikuratriċi fis-sens li l-attriċi kienet diġa` kważi qasmet it-triq kollha meta tajritha l-vettura tal-konvenut.

11. PS 914 Ivan Mifsud, li kien mar jinvestiga l-inċident, xehed[4] li sab il-vittma mixħuta mal-art ħdejn il-bankina tan-naħa tas-Solana Hotel/Bank of Valletta kif indika b'salib isfar fl-iskizz a fol. 151. Qal li skont informazzjoni li ngħata, l-attriċi qasmet min-naħa opposta tat-triq minn fejn il-ħanut '*Tal-Lira*' immarkat fl-istess skizz bl-ittra 'L' filwaqt li l-vettura tal-konvenut kienet tiela' t-telgħa fuq in-naħa tas-Solana Hotel/Bank of Valletta. Skont il-PS 914, il-vettura tal-konvenut kellha daqqiet pero` ma kinux kompatibbli mal-inċident u għalhekk l-ebda ħsara ma tniżżlet fir-rapport.

[3] Fol. 214.
[4] Fol. 142 *et seq*.

12. M'hemmx dubju li l-provi huma skarsi u hu stramb kif f'din il-kawża l-attriċi baqgħet ma tatx il-verżjoni tagħha bil-ġurament. Dan meta tqis li l-oneru tal-prova qiegħed fuqha.

13. B'sentenza mogħtija fit-22 ta' Marzu 2013,[5] il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kkundannat lill-konvenut iħallas multa ta' €2,000 u sospensjoni għal żmien tliet xhur tal-liċenzja ta' sewqan wara li sabitu ħati talli:

> *"1. Nhar il-25 ta' Ottubru, 2008 ghall-habta tal-12.10pm, waqt li kien qieghed isuq karozza li ggib numru BBQ401 tal-ghamla KIA Avella, matul Triq Gorg Borg Olivier, Mellieha, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, laqat lil certu Giovanna Alessio ta' nazzjonalita' Taljana, bil-konsegwenza li kkagunalha feriti ta' natura gravi (per durata) u dan skont ma kif verbalment iddikkjara t-Tabib Godfrey Azzopardi MD tal-Isptar Mater Dei (Reg No 3134);*
>
> *2. U aktar talli fl-istess data, hin, u lok, saq l-imsemmija karozza b'manjiera perikoluza."*

14. Dik il-Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

> *"Illi certament il-verzjoni li ta l-imputat ma taqbel xejn ma' dik li xehdu kemm il-feruta kif ukoll it-tliet nisa li kienu maghha. Dawn l-erbgha jghidu li x-xiha (Giovanna) kienet waslet mal-bankina meta ttajret. Dawn kienu kollha certi li ma kinx hemm karozzi fit-triq ghajr dik involuta fl-incident, kif ukoll illi meta qasmu ma kinx hemm vetturi telghin jew nezlin it-triq. Minn naha tieghu Borg jinsisti li fit-triq kien hemm karozzi telghin u nezlin, u li x-xiha qasmitlu minn wara Mercedes li cedietlu biex jghaddi. Jaqbel l-imputat illi t-tliet nisa kienu fuq il-bankina – dan bi qbil ma' dak li qalu Braid u Cristiano, li huma kienu fuq il-bankina jistennew lin-nanna li kienet ghadha qed taqsam.*
>
> *Ma jaqbilx fejn giet milquta Giovanna. Borg jghid bin-naha tax-xellug, ix-xhieda man-naha tal-passiggier, allura kif xehdu huma vicin il-bankina.*

[5] Fol. 178.

*Huwa vera li l-Qorti tista' temmen xhud wiehed u teskludi l-ohrajn migjuba – pero ma tistax ma tistaqsix din il-Qorti, stante li Alessio tghid illi hi kienet waslet mal-bankina, kif allura s-sewwieq ma rahix meta seta' facilment jara t-tliet nisa fuq il-bankina?? Kull xhud, inkluza l-feruta, fil-fatt xehed illi Giovanna Alessio kienet biss pass wara t-tliet nisa u li allura ntlaqtet meta kienet kwazi mal-bankina, anke fi kliemha bix-xellug tal-vettura. Tinsisti anzi Alessio li hi kienet waslet kwazi mal-bankina meta ntlaqtet. Punt iehor li ma tantx ikkonvinca lill-Qorti, huwa kif l-imputat li jghid li ma ra xejn, hlief lix-xiha li hasditu, seta' jghid illi t-tlieta nisa kienu fuq il-bankina qishom qasmu, u x-xiha ghalkemm kien tiela' bil-mod hargitlu minn wara Mercedes, laqaghtha ghax giet fuqu ghal fuq il-vettura, u raha biss dak il-hin. Jekk kien miexi daqstant bil-mod, b'karozzi skondtu telghin u nezlin, traffic skondtu miexi normali, anke bil-mod; minn fejn allura harget din ix-xiha go dan it-traffic?? Izjed fil-fatt taghmel sens u aktar hi veritjiera l-verzjoni tan-nisa li fil-fatt Giovanna ntlaqtet vicin il-bankina fejn kienet u fejn fil-fatt waqghet, u fil-fatt is-sewwieq ra lit-tliet nisa fuq il-bankina, u ghax kien hekk deskritt ma rax jew ma kkalkulax li x-xiha li kienet pass 'il boghod minn fuq il-bankina bil-kagun allura tad-danni fratturi minnha sofferti."*

15. Ma jirriżultax li sar appell minn dik is-sentenza.

16. Il-Qorti qrat l-affidavit tal-konvenut u qal:

   i. *"3..... F'ħin u l-waqt, wara illi dan tal-Mercedes kien ċedieli biex inkompli tiela' feġġet mara minn warajh, illi kienet qed taqsam it-triq mil-lemin għax-xellug. Jiena f'dan il-mument kont daqs tul ta' żewġ metri 'l bogħod minnha....... Bħala speed ngħid illi kont għaddej bi speed baxx ħafna u dana minħabba illi kont għat-telgħa, u d-djuq tat-triq ma tippermettix speed partikolari"*.

   Minn kliem il-konvenut stess, ra lill-attriċi taqsam. Jekk kif qal hu kien hemm distanza ta' żewġ metri u kien għaddej bi *'speed baxx ħafna'*, l-inċident ma kellux iseħħ.

   ii. Il-konvenut ta x'jifhem li ra lill-attriċi taqsam, skont hu minn wara Mercedes. Pero` fl-istess affidavit xehed li meta waqfet dik il-vettura biex iċċedilu, induna li fuq ix-xellug

tiegħu kien hemm tlieta jew erbgħa min-nies fuq ix-xifer tal-bankina u, *“..... kont moħħi fihom, ħa nara x’ser jagħmlu, ma jfettlilhomx jaqsmu t-triq għal għarrieda”*. Għalhekk hu ċar li l-attenzjoni tal-konvenut ma kinitx minn fejn kienet qiegħda taqsam l-attriċi imma fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Fl-istess waqt dan jikkontrasta ma’ dak li jidher li xehed fil-proċeduri kriminali. Fil-fatt fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati jingħad, *“Qal illi ħaseb li kienu qasmu u waqfu jitkellmu hemm (enfasi tal-Qorti)”*.

iii. Kif seħħ l-inċident niżel mill-vettura u *“5..... sibt lill-mara eżatt quddiem il-vettura tiegħi”*. Madankollu l-uffiċjal tal-pulizija li investiga l-każ xehed li l-attriċi kienet maġenb il-bankina (ara skizz a fol. 151). M’hemmx prova li sakemm wasal is-surġent fuq il-post tal-inċident, l-attriċi ċċalqet minn fejn waqgħet bid-daqqa tal-vettura. Kien dak li wassal lill-ewwel Qorti biex tikkonkludi li l-verżjoni tal-konvenut ma kinitx verosimili meta ta x’jifhem li l-attriċi ħasditu għaliex qabdet u qasmet it-triq minn wara vettura.

iv. Li fuq il-vettura tiegħu kien hemm *“4..... għafsa żgħira fuq il-bonnet fejn din il-mara kienet żammet b’idejha – dana bħalma jidher fis-sett ta’ ħames (5) ritratti illi qed neżebixxi*

*bħala Dok. SB1 sa SB5"*. Għafsa li fil-fehma ta' din il-Qorti ma tidhirx fir-ritratti li ppreżenta l-konvenut. L-għafsa li tidher hu anzi fuq il-*mudguard*, in-naħa tal-passiġġier tal-vettura Kia Avella (ara ritratt SB2 a fol. 216 u SB5 a fol. 218);

v. Il-konvenut qal li l-attriċi qasmet minn wara *Mercedes* u għalhekk ma rahiex. Pero` fl-istess nifs qal li kien miexi bil-mod ħafna għaliex kien hemm it-traffiku. Il-fatt li l-attriċi spiċċat mal-art maġenb il-bankina hi fiha nnifisha prova li x'aktarx kienet diġa` qasmet il-parti l-kbira tat-triq meta seħħ l-inċident. Il-fatt li l-attriċi setgħet ħarġet minn wara vettura ma tiskolpax lill-konvenut. Lanqas m'hemm prova li l-attriċi qasmet it-triq tiġri.

17. Dwar l-allegata kontributorjeta` tal-attriċi, magħmula l-konsiderazzjonijiet ta' qabel din il-Qorti mhijiex konvinta li hemm biżżejjed provi li jikkonvinċuha li għandha ħtija kontributorja għall-inċident.

18. Finalment il-kumpanija konvenuta argumentat ukoll li minkejja li hija ġiet liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, fil-konsiderazzjonijiet tagħha l-ewwel Qorti qalet li tista' tkun responsabbli għad-danni fil-limitazzjonijiet tal-polza assikurattiva viġenti tal-konvenut Borg. F'dan il-

kuntest tisħaq li hija bl-ebda mod ma tista' tinstab responsabbli għall-inċident in kwistjoni.

19. L-Artikolu 143 tal-Kap. 12 dwar x'għandu jkun fiħ ir-rikors tal-appell jipprovdi illi *'għandu jfisser, wieħed wieħed għalih, il-kapi tas-sentenza li jsir ilment minnhom flimkien ma' raġunijiet dettaljati għaliex ikun qiegħed isir l-appell u, fl-għeluq tiegħu, għandu jingħad, speċifikatament, it-tibdil tas-sentenza li jintalab dwar kull kap.*'

20. Skond il-ġurisprudenza, dan ifisser illi l-jedd ta' appell tingħata biss mill-parti operattiva ta' sentenza u mhux minn motivazzjoni singola li finalment ma ssibx postha fid-dispożittiv tas-sentenza appellata.[6]

21. Għaldaqstant tiċħad l-ewwel aggravju.

22. It-tieni aggravju jitratta dwar il-likwidazzjoni tad-danni. F'dan ir-rigward il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti kienu s-segwenti:

> "*32.0. Illi rigward id-**damnum emergens** jinghad sintetikament is-segwenti:*
>
> > *32.1. Illi komplessivament dawn id-danni sofferti mir-rikorrenti ghall-kura u medicini ancillari jammontaw ghal elf, sebgha mija u sittin euro u wiehed u sittin centezmu, (€1,760.61);*
> >
> > *32.2. Illi dan l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti hu kompost bil-mod segwenti:*

[6] *Pace Andrew et v. Unscheduled Bus Service et*, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-15 ta' Diċembru 2003; *Bartmik ta' l-Iklin Ltd v. Kummissarju tat-Taxxi Interni* deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-14 ta' Ottubrui 2016.

*32.2.1. €231.81 ghall-fisjoterapija, (ara foll 15);*

*32.2.2. € 50.00 ghall-fisjoterapija, (ara foll 16);*

*32.2.3. €298.00 ghac-centru ottiku, (ara foll 17);*

*32.2.4. € 90.00 ghal vizita newrologika, (ara foll 18);*

*32.2.5. € 42.00 ghal vizita newrologika, (ara foll 20);*

*32.2.6. €360.00 ghal perizja medika, (ara foll 21);*

*32.2.7. €688.00 ghall-ispejjez medici, transport, akkompanjament mediku u servizz prevenzjonali, (ara foll 25);*

*33.0. Illi rigward il-**lucrum cessans** jinghad sintetikament is-segwenti:*

*33.1. Illi in effetti f'dan ir-rigward ir-rikorrenti naqset li tindirizza dan il-kap kompletament;*

*33.2. Illi nonostante dan, xorta wahda jirrizulta sintetikament is-segwenti:*

*33.2.1. Illi r-rikorrenti twieldet fil-11 ta' Jannar, 1935, (ara foll 66);*

*33.2.2. Illi meta sehh l-incident ir-rikorrenti ghalhekk kellha l-eta` ta' tlieta u sebghin, (73), sena;*

*33.2.3. Illi konsegwenza tal-incident ir-rikorrenti tghid li ma baqghetx attiva kif kienet, (ara foll 2);*

*33.2.4. Illi ghalhekk, rizultat tal-istess, saret tiddependi fuq haddiehor, (ara foll 2);*

*33.2.5. Illi fit-termini ta' certifikat mediku prodott mir-rikorrenti li izda ma giex skrutinat skont il-ligi mill-kontro-ezami tal-intimati, jirrizulta li r-rikorrenti soffriet dizabilita` permanenti t'erbatax fil-mija, (14%), (ara foll 12);*

*Ikkunsidrat:*

*34. Illi in konsegwenza tal-partikolarita` procedurali naxxenti mill-fatt li r-rikorrenti tghix regolarment l-Italja, u ma pproduciet l-ebda parametru li fuqu din il-qorti tista` tistrieh biex tistabbilixxi l-ammont ta' danni minnha sofferti f'lucrum cessans, din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tistabbilixxi l-istess arbitrio boni viri;*

*35. Illi konsegwenza tal-istess, filwaqt li ghalhekk tirrespingi l-hames risposta tal-intimati, tistabbilixxi d-danni taht il-kap odjern ta' lucrum cessans arbitrio boni viri fl-ammont ta' hamsin elf euro, (€50,000.00);*

*36. Illi finalment, stante li r-rikorrenti ma resqet l-ebda prova rigward id-danni minnha inkorsi biex tigi Malta mill-Italja biex tixhed fil-procedura kriminali kondotta kontra l-intimat, din it-talba qed tigi meqjusa daqs li kieku ma gietx pruvata;*

*DECIDE:*

*37.0. Illi ghalhekk, in vista tal-premess:*

*37.1. Tillikwida d-danni komplessivi (damnum emergens u lucrum cessans), sofferti mir-rikorrenti nomine fl-ammont ta' wiehed u hamsin elf, seba` mija u sittin Ewro, u wiehed u sittin centezmu, (€51,760.61);*

*37.2. Tikkundanna lill-intimat Silvio Borg biex ihallas lir-rikorrenti nomine l-ammont hekk likwidat;*

*37.3. Tillibera lis-socjeta` intimata GasanMamo Insurance Limited mill-osservanza tal-gudizzju;*

*37.4. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur kontra l-istess intimat Silvio Borg.'*

23. Il-konvenuti jaqblu mal-likwidazzjoni tad-*damnum emergens* billi jirrikonoxxu illi l-istess ġew suffiċjentement ippruvati. L-ilment tagħhom jindirizza l-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* u jirreferu għall-ġurisprudenza li tgħid li l-Qorti għandha tillikwida d-danni *arbitrio boni viri* biss meta jkun impossibbli għall-attur iressaq provi preċiżi dwar l-entita` tal-istess u mhux meta jonqos kompletament li jressaq provi dwarhom, kif ġara f'dan il-każ. Argumentaw ukoll li s-somma ta' €50,000 hi eżaġerata u bla bażi.

24. L-ewwel Qorti semmiet fatti (paragrafi 33.2.1 sa 33.2.5) u mbagħad iddikjarat li l-attriċi *".... ma pproduċiet ebda parametru li fuqu din il-qorti*

*tista' tistrieħ biex tisabbilixxi l-ammont ta' danni minnha sofferti f'lucrum cessans, din il-qorti m'għandha l-ebda alternattiva ħlief li tistabbilixxi l-istess arbitrio boni viri"*.

25. Il-Qorti tosserva:

i. Fid-data tal-inċident (25 ta' Ottubru 2008) l-attriċi kellha 73 sena;

ii. Skont rapport mediku datat 25 ta' Mejju 2009 ta' ċertu Dott. Mario Gullisano,[7] l-attriċi għandha debilita` permanenti ta' 14% b'riżultat tal-ġrieħi li sofriet. Fir-rapport dak il-persentaġġ hu deskritt bħala *'danno biologico'*. Skont l-istess rapport l-attriċi sofriet minn, *"bilateral fracture of the kneecap; fracture of the left tibial plateau stabilised with surgical screws (and similar), and heightened sensation of pain upon stimulation of the left lateral femoral cutaneous nerve of thigh"*.[8]

iii. Ir-rapport mediku jagħti x'jifhem li l-attriċi hi mara tad-dar u wkoll li l-ġrieħi jwasslu biex tnaqqas mill-attivita` fid-dar.

iv. M'hemmx prova li meta seħħ l-inċident l-attriċi kellha xi qliegħ.

[7] Preżentat mill-attriċi.
[8] Fol. 97 (Traduzzjoni bl-Ingliż tar-rapport miktub bit-Taljan).

v. L-attriċi mietet fit-23 ta' April 2018, ċioe` għaxar snin wara l-inċident.

26. Il-provi huma skarsi. Pero` x'aktarx li meta tqis l-eta` tal-attriċi fid-data tal-inċident u l-ġrieħi li sofriet, naqset mill-attivita` li kienet tagħmel bħala mara tad-dar u probabbilment saret tiddependi wkoll minn għajnuna li jagħtiha ħaddieħor. Fihom infushom dawk iwasslu għal danni. Għalkemm l-attriċi ma ressqitx provi ċari, b'daqshekk ma jfissirx li qorti ma tistax tillikwida somma *arbitrio boni viri* li tkun raġonevoli fiċ-ċirkostanzi. Min-naħa l-oħra l-Qorti hi tal-fehma li d-danni komplessivi likwidati mill-ewwel Qorti huma esaġerati meta tqis il-provi li tressqu, jew aħjar in-nuqqas tagħhom, u għalhekk qiegħda tirriduċi l-istess għas-somma komplessiva ta' tletin elf ewro (€30,000).

27. Għal dawn il-motivi tiċħad l-ewwel aggravju u tilqa' parzjalment it-tieni aggravju sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u minflok tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' tletin elf ewro (€30,000). Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal tnejn minn tlieta (2/3) a karigu tal-konvenut u terz (1/3) a karigu tal-attriċi. Il-kumpanija GasanMamo Insurance Limited tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tagħha peress li ma

kellhiex għalfejn tappella ġialadarba fis-sentenza appellata ġiet liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr